

Brussell, 7 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10582/21

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0259(COD)

CODEC 1057
TELECOM 296
COMPET 543
MI 547
DATAPROTECT 191
CONSOM 154
JAI 845
DIGIT 93
FREMP 210
CYBER 209

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-10 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 16(2), flimkien mal-Artikolu 114(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-29 ta' Ottubru 2020².
3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Novembru 2020³.

¹ 10682/20.

² ĠU C 10, 11.1.2021, p. 63–64.

³ ĠU C 102, 24.3.2021, p. 4-6.

4. Fil-21 ta' Mejju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-ftehim milħuq fit-trilogi⁴ u awtorizza lill-President biex jibgħat ittra lill-President tal-Kumitat LIBE li tiddikjara li jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma kif tinsab f'dik l-ittra, soġġett għal revizzjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att għandu jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.
5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-plenarja tiegħu tas- 6 ta' Lulju 2021⁵.
6. Fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Lulju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jistieden lill-Kunsill biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tidher fid-dokument PE- CONS 38/21 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
7. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument PE-CONS 38/21.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ 8468/1/21 REV 1.

⁵ 10521/21 + COR 1.